

Brussell, 22 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12967/23

LIMITE

ECOFIN 871  
FISC 192  
ONU 59

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti

---

**Pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam  
tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti**

*Ippreżentata b'mod konġunt mill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni*

L-UE u l-Istati Membri tagħha jilqgħu l-opportunità li jkomplu d-diskussjoni dwar kif tiġi promossa aktar il-kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa, abbażi tar-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU ppubblikat reċentement dwar ir-Riżoluzzjoni tan-NU dwar it-Taxxa mħejji b'reazzjoni għar-riżoluzzjoni 77/244 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti.

Il-multilateraliżmu u l-kooperazzjoni internazzjonali huma strumenti ewlenin biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, u l-iżvilupp ta' standards globali tat-taxxa huwa essenzjali għal komunità internazzjonali koeżiva u prospera.

F'din il-perspettiva, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu r-rwol importanti tan-NU, inkluż l-isforzi tagħha biex tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku u biex iżżid il-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom, u l-ħidma tagħha fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li huwa impenn fit-tul li jikkonċerna l-pajjiżi kollha madwar id-dinja.

Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw azzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw sistema internazzjonali tat-taxxa ġusta u effettiva għall-iżvilupp sostenibbli b'mod li jwieġeb b'mod effettiv għat-tħassib u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi b'riżorsi jew kapaċitajiet amministrattivi limitati. It-teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv huwa fundamentali fl-appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-istandards globali tat-taxxa. B'mod partikolari, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu b'mod ġenerali l-ħtieġa għal appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' standards globali tat-taxxa.

F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għall-ħidma li għaddejja tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, li tistinka biex tistabbilixxi riformi ambizzjużi għall-ordni internazzjonali tat-taxxa, inkluż bis-soluzzjoni b'żewġ pilastru, permezz tan-negozjati intensivi u inklużivi ma' aktar minn 140 ġurisdizzjoni. Fil-11 ta' Lulju 2023, 138 membru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma pajjiżi li qed jiżviluppaw, approvaw id-Dikjarazzjoni tal-Eżitu dwar is-soluzzjoni b'żewġ pilastru li tirrikonoxxi l-progress sinifikanti li sar u li tippermetti lill-pajjiżi u lill-ġurisdizzjonijiet jimxu 'l quddiem b'riforma storika u ewlenija tas-sistema internazzjonali tat-taxxa. Meta wieħed iqis il-ħidma impressjonanti li saret u l-progress li diġà nkiseb u l-isforz kontinwu biex isir aktar progress permezz tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, huwa importanti li dawn l-istandards globali tat-taxxa jkomplu jiġu żviluppanti u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol jew l-eżiti inkonsistenti. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw il-ħidma li għaddejja fil-livell tal-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa li għandu l-għan li jiġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa offshore u stabbilixxa standard globali għat-trasparenza fi kwistjonijiet tat-taxxa.

Dwar il-kontenut tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u l-għażliet proposti tiegħu, l-UE u l-Istati Membri tagħha jqisu li l-**għażliet 1 u 2**, kif proposti fir-rapport, jirriskjaw li jwasslu għal duplikazzjoni tal-ħidma internazzjonali li għaddejja jew li tlestiet marbuta mal-qafas globali tat-taxxa eżistenti. Dan jista' jimplika l-ftuħ mill-ġdid tan-negozjati, potenzjalment dwar kwistjonijiet li għalihom diġà jeżistu eżiti promettenti, filwaqt li nbena network konsiderevoli ta' ftehimiet li jiżguraw it-trasparenza fiskali u l-ġustizzja fiskali matul is-snin, għall-benefiċċju dirett tal-pajjiżi parteċipanti kollha. Dan jieħu ħafna ħin għall-ġuriżdizzjonijiet kollha, kif enfasizzat fir-rapport, fuq sfond fejn il-biċċa l-kbira tal-membri tan-NU diġà huma involuti b'mod attiv fil-ħidma fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 u impenjaw ruħhom għall-azzjonijiet kollha tal-BEPS miksuba s'issa.

Fost it-tliet għażliet proposti fir-rapport, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jikkunsidraw l-**għażla 3**, jiġifieri jaħdmu fin-NU fuq aġenda multilaterali mhux vinkolanti għal azzjonijiet koordinati. Tali aġenda għandha tiġi żviluppata b'tali mod li tevita d-duplikazzjoni mal-ftehimiet internazzjonali eżistenti fil-qasam tat-taxxa u ġġib benefiċċji konkreti għall-pajjiżi parteċipanti, filwaqt li tiffaċilita progress parallel u sostnut fl-OECD. F'dan l-isfond, ikun utli li jiġu żviluppati aktar azzjonijiet immirati lejn il-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet u l-mobilizzazzjoni tad-dħul, l-intaxxar tal-ekonomija informali, u l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, li huma kritiċi għat-twettiq tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli maż-żmien.

Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-isforzi mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS u l-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa biex ikomplu jsaħħu l-inklużività tas-sħubija wiesgħa tagħha.

B'din l-ambizzjoni f'moħħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jimpenjaw ruħhom f'dan id-dibattitu b'mod miftuħ u kostruttiv biex isibu triq 'il quddiem komuni u ta' tisħiħ reċiproku fil-livell globali.